

# Bormla u l-Imtieħen ta' Santa Margerita u San Ġwann t'Għuxa

## *Mitt Sena Mindu Waqfet Taħdem Il-Mitħna f'Bormla (1916-2016)*

**Kitba ta' Mario Attard**

**Għejun Ewlenin**

L-għajn ewlenija li għenitni f'din il-kitba huwa l-istudju "Windmills and the Production of Gunpowder in Malta" miktub minn Simon Mercieca u Joseph Muscat. Ma' dan l-istudju nżid il-ktieb ta' Dun Ġużepp Micallef bl-isem **Ħal-Luqa – Niesha u Ġrajjietha** li tani palata xierqa.

**Daħla**

Ħarsa lejn żewġt itruf ta' Bormla tlaqqagħna ma' żewġt imtieħen tar-riħ, ossija ma' tlieta: waħda fuq San Ġwann t'Għuxa (magħrufa wkoll ma' tal-madwar, grazzi għas-Sur Pawlu Zammit, bħala tal-Maħruqa peress li darba kienet inħarqet) u l-oħra ta' fuq il-għolja ta' Santa Margerita tinkorpora tnejn fejn xulxin[1]. Dawn l-imtieħen tar-riħ kienu nbnew minn żewġ fondazzjonijiet imwaqqfa minn żewġ Gran Mastri li laħqu wara xulxin. L-ewwel il-Fondazzjoni Cotoner bena ż-żewġt imtieħen bi tromba kull waħda f'Contrada Santa Margerita[2]. Għal raġuni jew oħra t-tromba ta' wara tneħħiet, min jaf hux forsi wara li ż-żewġt imtieħen ma baqgħux jaħdmu l-porvli. Peress li kienu wara xulxin waħda kienet ittellef lill-oħra fit-tidwir. Loġikament nistgħu ngħidu li jew kienu jħarsu fl-oppost ta' xulxin inkella jekk taħdem waħda ma taħdmx l-oħra. Magħhom bena numru mdaqqas ta' mtieħen oħrajn li jeħduna lejn is-sena 1674. Imbagħad il-Fondazzjoni Caraffa bniet il-mitħna ta' Fuq San Ġwann t'Għuxa[3] flimkien ma' mtieħen oħrajn f'inħawi oħra f'Malta. It-tlett ibliet tal-Kottonera ma kinux nieqsa mill-imtieħen, ngħidu aħna fuq San Filippu fl-Isla u ġewwa Sant'Anġlu fil-Birgu. L-uniċi mtieħen li nsibu llum fil-Kottonera jirrakkontawlna l-ġrajja tal-qamħ u x-xgħir meta r-raba' kien għadu mhux mimsus u l-bdiewa bil-karrettuni mgħobbija bil-qamħ jew bix-xgħir kienu jinġarru mill-bgħula lejn dawn l-imtieħen hekk kif kienu jisimgħu d-daqq ripetut tal-bronja mdaqqa mit-taħħan. Nistgħu ngħidu li mal-bdiewa Bormliżi, dawk tal-Fgura u l-madwar kienu jsibuha eqreb lill-mitħna ta' Fuq San Ġwann t'Għuxa. Min-naħa l-oħra, dik ta' Fuq Santa Margerita kienet eqreb għall-bdiewa ta' Ħaż-Żabbar u l-madwar. Hawnhekk irridu nifhmu li fl-inħawi li semmejna eżistew imtieħen tar-riħ oħrajn imma l-infiħ tar-riħ rari kien jgħin fl-infiħ tiegħu lill-imtieħen kollha. Għalhekk, il-bdiewa kienu jżommu amment ta' numru ta' mtieħen tar-riħ madwar ir-raba' tagħhom. Iżda dan **aktarx** mhux qabel l-1806, għaliex wisq probabbli li l-imtieħen ta' Bormla nbnew primarjament bħala sabiex jipproduċu l-porvli[4].

Irridu ngħidu li kemm l-imtieħen ta' Santa Margerita kif ukoll il-Mitħna ta' Fuq San

Ġwann t'Għuxa, sal-bidu tas-seklu għoxrin kienu għadhom jaħdmu, eżattament sa April 1916. B'kuntrast, filwaqt li l-mitħna tar-riħ taż-Żejtun sal-1939 kienet għadha taħdem, irridu ngħidu li mal-1900 il-maġġor parti tal-imtieħen bdew isiru relikwija storika għax bdew jingħalqu. Dan ġara minħabba li kienu ivvintati l-imtieħen tal-istim, liema mtieħen, li ma kinux iserrħu fuq kemm ir-riħ jonfoħ biżżejjed jew le, saru komuni fil-madwar tal-Port il-Kbir



*Il-Mitħna ta' San Ġwann t'Għuxa*

**L-Imtieħen tar-Riħ u l-produzzjoni tal-Porvli**

Studju interessanti li kienu kitbu Simon Mercieca u Joseph Muscat jaf jiċċara ħafna min-nuqqas ta' tagħrif li jeżisti dwar ċerti mtieħen, partikularment ta' Bormla. Qiegħed nirreferi għall-istudju "Windmills and the Production of Gun Powder in Malta" li deher fir-rivista Symposia Melitensia[5]. Iż-żewġ studjużi, jgħidulna li Fuq Santa Margerita kienu jinsabu żewġt imtieħen fejn xulxin, fejn ftit żmien wara kien żdied il-forn. Imbagħad fuq San Ġwann t'Għuxa kien hemm it-tielet mitħna ġewwa Bormla – ilkoll fi truf is-swar u kull waħda qrib polverista. Ma nistgħux ninsew il-fatt li l-ħtieġa tal-porvli għall-Ordni f'dawk iż-żminijiet kienet waħda kontinwa. Naturalment biex tipproduċi l-porvli jrid ikollok il-materja prima u Malta tista' tgħid li ma kellhiex ħlief id-dwieli tal-ġellewża u tal-girgentina li b'xorti tajba huma tajbin ħafna għall-produzzjoni tal-porvli. Miz-zkuk tad-dwieli jinħareġ il-faħam meħtieġ għall-produzzjoni tal-porvli. Hawnhekk wieħed jistaqsi jekk hux għalhekk li f'Għajn Dwieli (li nistgħu ngħidu jinsab taħt il-mitħna ta' San Ġwann t'Għuxa) imtela bid-dwieli, minn fejn ħa ismu.

Għalkemm l-irwol tal-imtieħen tar-riħ dejjem norbtuh mat-tħin tal-qamħ u tax-xgħir, fiż-żmien tal-Ordni f'uħud minn dawn l-imtieħen, l-aktar ta' ġewwa s-swar, kienu jinħadmu l-porvli. Dan ifisser li l-istudju ta' Mercieca u Muscat li huma konxji min-nuqqas ta' tagħrif, jiddiskrivi bejn *molino a vento* u *molino da polvere*. Hawnhekk qegħdin immorru għaż-żmien tal-qlib mis-sbatax-il seklu għat-tmintax-il wieħed.

Is-Slaten aħwa Rafel (1660-1663) u Nikola Cotoner (1663-1680) inkludew lil Bormla fil-ħażna tal-porvli: l-ewwel pass ħadu Rafel u kompla warajh Nikola. Dan tal-aħħar fil-għadd ta' mtieħen li kien bena, ħa ħsieb li tnejn minnhom ikunu f'Bormla b'wesgħa ġmielha li aktarx kienet tintuża biex ikunu maħżuna l-balal tal-kanuni. Xi wħud minnhom kienu jagħmlu wkoll il-porvli. Qegħdin immorru għas-sena 1674.

Is-Sultan Gregorio Caraffa de Roccella (1680-1690) bena għaxart imtieħen b'waħda minnhom tkun ta' Fuq San Ġwann t'Għuxa[6]

Il-fatt li l-imtieħen ta' Contrada Santa Margerita (kif tissejjaħ fil-pjanta msemmija fil-*footnote* numru tnejn) setgħu kienu jagħmlu l-porvli jaf ma joħloqx dubji. Il-fatt li kienu



*It-tromba tal-Mitħna ta' Sta. Margerita*

jinsabu f'tarf is-swar iħarsu lejn il-polverista tal-Birgu (mal-mitt metru bogħod mid-daħla ta' din il-belt) jista' jixhed dan. Mercieca u Muscat isostnu li ż-żewġt imtieħen ta' Contrada Santa Margerita nbnew għal skop tal-produzzjoni tal-provli sakemm imbagħad tnaddfu wara l-isplużjoni tal-polverista tal-Birgu fl-1806[7]. Għalkemm imma nafux eżatt, il-fatt li l-mitħna ta' San Ġwann t'Għuxa u l-lok tal-polverista ftit metri bogħod minn Fuq San Ġwann t'Għuxa stess, ma niskantawx li tal-anqas il-mitħna nsemmija setgħet kienet taħdem il-porvli. Wara kollox it-tnejn li huma kellhom inkorporat forn fihom.

Mhux eskluż il-fatt li wara l-isplużjoni l-kbira tal-polverista tal-Birgu tat-18 ta' Lulju 1806 – splużjoni li kienet qatlet 400 ruħ[8] u qerdet il-bini tal-madwar, l-imtieħen ta' Bormla tnaddfu u ma baqgħux jintużaw għall-produzzjoni tal-porvli u minflok bdew jintużaw biss għat-tħin tal-qamħ u x-xgħir. Il-Gvern Kolonjali Ingliż kien ta b'kera ż-żewġt imtieħen ta' Fuq Santa Margerita lil Carmelo Bonavia – taħħan li kien ġej minn familja ta' taħħana Naxxarin – għal mitt sena. Dan it-tagħrif inkiseb bil-fomm mill-kittieba mis-Sur Karm Bonavia, li huwa qarib ta' Carmelo[9].

## L-Imtieħen tar-riħ u l-fondazzjonijiet tal-Gran Mastri

F'Malta u Għawdex insibu madwar 69 mitħna tar-riħ. Ħmistax minnhom jinsabu f'Għawdex u l-bqija f'Malta. Minnhom kollha, tlieta biss għadhom armati bil-qlugħ: tax-Xarolla fiż-Żurrieq, fil-Qala u Ta' Kola fix-Xagħra, Għawdex. Lill-imtieħen wieħed jista' jarahom f'diversi inċiżjonijiet ta' mapep ta' Malta fi żmien meta s-soċjetà Maltija kienet tiddependi mill-imtieħen tar-riħ fiżikament daqskemm kienet tiddependi mill-knejjes u l-kappelli spiritwalment.

Kif kien għamel il-Gran Mastru Nikola Cotoner (1663–1680) meta waqqaf fondazzjoni għall-bini tal-imtieħen tar-riħ, hekk għamlu Gran Mastri oħra bħal ħuh Rafel Cottoner (1660-1663), Giovanni Paolo Lascaris-Castellar (1636-1657), Gregorio Caraffa (1680-1690) u Antonio Manoel De Vilhena (1722-1736).

Peress li n-negozju tat-tħin tal-qamħ kien iħalli warajh qliegħ ġmielu, l-Ordni żamm għalih dan kollu b'monopolju biex il-qliegħ minn dan in-negozju seta' jiffinanzja l-infiq kapitali tal-Ordni u ż-żamma tal-fortizzi fost l-oħrajn. Biss, fi-bidu tas-seklu tmintax l-Ordni ddeċieda li jgħaddi l-irwol tal-operazzjonijiet tal-imtieħen lill-poplu filwaqt li żamm idu fuq il-funzjonijiet regolatorji tagħhom. Pereżempju fl-1724 il-Gran Mastru Caraffa kien irkanta għaxart imtieħen lil taħħana Maltin. Biss, mhux dejjem l-affarijiet marru ward u żahar bħal ngħidu aħna meta l-Gran Mastru De Rohan kien ħareġ bandu


Kopja tal-pjanta antika tal-imtieħen ta' Fuq Santa Margerita

sabiex iwissi lit-taħħana li ma jaċċettawx ċerta kwalità ts' qamħ li kien iġorr miegħu elementi bil-possibilta li meta jittiekel ikun ta' dannu għas-saħħa tal-poplu.

Qabel il-wasla tal-Kavallieri, pajjiżna kellu l-imtieħen tiegħu, anki jekk mhux fuq l-istess struttura li l-Ordni kien imdorri jibni fil-gżira ta' Rodi li okkupaw bejn is-snin 1309 – 1523 u li 'l quddiem fil-gżejjer tagħna bdew jibnu bħalhom ukoll.

L-imtieħen bikrin Maltin huma meqjusin bħala fost l-iktar imtieħen bikrin fl-Ewropa. Dawn, li għadek issib minnhom ngħidu aħna fl-Ingilterra, kienu jinbnew f'binja waħda vertikali, forma ta' tubu (bħal dak li llum insejħulu t-tromba) li fiha jkollha l-makkinarju meħtieġ li jdawwar il-qlugħ bil-għajnuna tal-infiħ tar-riħ. Dawn l-imtieħen bikrin kienu jinsabu fl-Isla b'mod partikulari, fejn mal-wasla tal-Kavallieri fl-1530 kien hemm waħda b'sitt iqlugħ u sal-Assedju l-Kbir fl-1565 telgħu għal tnejn.

Il-parti l-kbira tal-imtieħen tar-riħ inbnew mill-Kavallieri bejn fil-perjodu 1636 – 1773. Fiż-żmien tas-saltna tiegħu, Nikola Cottoner kien ġab espert minn Majorka, Spanja, biex fuq parir tiegħu jkun jista' jtejjeb lill-imtieħen diġà eżistenti u għall-bini ta' mtieħen fil-ġejjieni. Mhux ta' b'xejn l-imtieħen tar-riħ fil-gżejjer tagħna kemm fl-istruttura tagħhom kif ukoll fil-makkinarju huma identiċi għal dawk misjuba fil-belt Spanjola msemmija ftit 'il fuq.

Fl-istruttura tipika tagħhom kull mitħna tar-riħ kienet tinbena b'ċilindru vertikali tal-ġebel bi ħmistax-il metru għoli u b'dijametru ta' tliet metri. Dan iċ-ċilindru nistgħu nsejħulu t-tromba. Mis-sala kwadra li fuqha kien jinbena t-torri kien jinbena garigor ta' ħamsin tarġa li jibqa' tiela' għal ġot-tromba. Dan normalment kien ikun mibni fuq bini kwadru (u ġieli rettangolari) ta' żewġ sulari.

Ta' min isemmi li mad-dawra tat-tromba tal-mitħna kienu jitħallew wesgħat rettangulari ta' wisgħa mdaqqas sabiex minnhom it-taħħan ikun jista' jara jekk imtieħen oħra kinux qegħdin jaħdmu jew le. Meta r-riħ kien ikun opportun għat-tħin, ir-raġel tal-mitħna (jew it-taħħan) kien jitla' fuq il-bejt tal-mitħna, jaqbad il-bronja – bebbuxu tawwali bit-tarf maqtugħ jew imtajjar – u jdoqqu bħala sinjal lill-bdiewa fil-viċinanzi li l-mitħna tiegħu kienet se ddawwar.

Il-parti l-kbira ta' dawn l-imtieħen kienu jisħqu l-qamħ u x-xgħir permezz ta' żewġ

roti kbar tal-ġebel. Min imur jara l-mitħna ta' Ġakki fl-inħawi ta' Ħal Bajjada fir-Rabat ta' Malta jkun jista' jara r-rota kbira tal-ġebel wieqfa sserraħ mal-ħajt tal-mitħna maġenb il-bieb ta' barra filwaqt li mad-daħla tal-mitħna ta' Kola fix-Xagħra, Għawdex wieħed isib żewġ roti tat-tħin, waħda fuq kull naħa tal-bieb prinċipali tal-mitħna.

Fl-ewwel sular (jew il-pjan terran) tal-bini kien jintuża għall-manutenzjoni tal-mitħna kif ukoll biex hemmhekk jaħmu l-ħobż. It-tieni sular kien iservi sabiex jaqdi l-bżonnijiet tat-taħħan u l-familja tiegħu peress li mhux biss kien jaqla' l-għajxien mill-mitħna imma wkoll kien jgħix fiha. Fiċ-ċilindru tal-ġebel kien ikun hemm xaft flimkien mal-partijet mekkaniċi tal-mitħna tar-riħ innifisha.

Matul is-saltna tiegħu, il-Gran Mastru Lascaris (1636 – 1657) kien ikkummissjona l-bini ta' erba' mtieħen f'Malta u oħra f'Għawdex. Fl-1674 il-Fondazzjoni Cotoner bniet imtieħen f'Bormla, f'Ħaż-Żebbuġ, fil-Furjana, fin-Naxxar u fiż-Żurrieq. Iktar tard l-istess fondazzjoni bniet imtieħen oħrajn f'Ħal-Lija, fil-Gudja u mill-ġdid f'Ħaż-Żebbuġ. Is-suċċessur ta' Nikola Cotoner kien il-Gran Mastru Caraffa li mexa fuq il-passi tal-preċedessur tiegħu u waqqaf fondazzjoni huwa wkoll biex hekk inbnew aktar imtieħen. Manoel De Vilhena waqqaf il-fondazzjoni tiegħu fl-1724 u minnha nbnew imtieħen tar-riħ fir-Rabat, f'Ħal Għargħur, fiż-Żurrieq, f'Birkirkara u fiż-Żejtun[10]. Tliet imtieħen tar-riħ oħrajn inbnew fin-Naxxar. Dan seħħ lejn l-1726. F'dan il-perjodu kienu jinsabu jaħdmu massittax-il mitħna tar-riħ. B'kuntrast, mal-mitt sena wara, l-imtieħen li kienu jinsabu jaħdmu kienu wieħed u tletin: sitta u għoxrin f'Malta u ħamsa f'Għawdex.



*Il-mitħna ta' Santa Margerita armata fl-aqwa żmien tagħha. Mur araha llum armata hekk kif tisraq l-attenzjoni ta' kulħadd!*

**L-Imtieħen tal-Miexi**

Għalkemm mal-popolin meta tissemma mitħna tinftiehem bħala tar-riħ, fil-verità nbnew ukoll imtieħen tal-miexi. Bi mtieħen tal-miexi nifhmu dawk li kienu jitħnu bis-saħħa tat-tidwir kontinwu tal-bgħula bil-ħmir. Kien hemm żmien meta d-djar kienu jinbnew bil-bitħa fin-nofs u hemm f'numru ta' djar minnhom kienet ssir il-mitħna tal-miexi. Interessanti nkunu nafu li f'Bormla djar bħal dawn eżistew u nemmen li fil-partijiet il-qodma nett ta' Bormla jaf għad baqa' xi waħda.

L-imtieħen tal-miexi, magħrufin ukoll bħala ċentimoli, nistgħu ngħidu li kienu struttura eqdem fil-gżejjer Maltin fit-tħin tal-qamħ u tax-xgħir. Jingħad li kienu introdotti fil-gżejjer Maltin mir-Rumani.

Dawn mhux biss kienu popolari fis-snin ta' qabel ġew il-Kavallieri fil-gżejjer Maltin imma, kif inkiteb aktar 'il fuq, baqgħu jintużaw anki fis-snin tal-Ordni. F'dak iż-żmien imbiegħed, il-preżenza tal-mitħna tal-miexi kienet ta' ħtieġa kbira u kienet toffri serħan il-moħħ mhux biss għall-gvernatur imma anki għan-nies peress li l-ħobż minn dejjem

kien imfittex. Fil-fatt il-gvernatur kien iżomm tliet imtieħen tal-miexi. Dawn kienu jinsabu fil-Kastell Sant'Anġlu fil-Birgu, fl-Imdina u fuq is-Sur taċ-Ċittadella fir-Rabat ta' Għawdex[11].

Il-fran tal-Ordni ġewwa l-Belt Valletta kif ukoll il-bereġ fl-istess belt kienu jużaw l-imtieħen tal-miexi misjuqa mill-ħmir[12].

Tajjeb inkunu nafu li l-imtieħen tar-riħ mhux dejjem kienu jlaħħqu mad-domanda li kien ikollhom, speċjalment meta r-riħ ma kienx ikun fil-poppa. Xi rġiel kienu jaqilgħu l-għajxien tagħhom u ta' familthom billi jitħnu l-qmuħ u x-xgħir lin-nies permezz tat-tħin bil-mitħna tal-miexi tagħhom. Dawn kienu jitqabbdu minn sidien tal-imtieħen tar-riħ bħalma kien jagħmel ngħidu aħna Karlu Formosa minn Ħal Luqa li f'dawn iċ-ċirkostanzi kien iqalla' x'jieklu lil ħamest irġiel oħra.

**L-amministrazzjoni tal-Imtieħen tar-Riħ**

Mill-fondazzjoni mwaqqfa mill-Gran Mastru Gregorio Caraffa, suċċessur ta' Nikola Cottoner, kienu nbnew għaxart imtieħen tar-riħ. Fl-1724 bdew jinkrew bi qbiela għal ħames snin mitħna mitħna. Il-kera ta' kull waħda kienet ta' 92 skud imma fl-1744 il-qbiela telgħet għal 107 skudi fis-sena. Din kompliet tielgħa għal 150 skud fis-sena.

Il-ħlas li kien jitlob it-taħħan għal xogħlu mingħand il-bidwi fl-1703 kien ta' 15-il ħabba għal kull tomna qamħ, 13-il ħabba għal kull tomna maħlut u 11-il ħabba għal kull tomna xgħir.

Ta' min isemmi hawnhekk lil ċertu Ġużeppi Caruana minn Ħal Luqa. Dan għandu storja twila mal-kiri tal-imtieħen mhux biss ta' dawk mibnijin minn Caraffa imma fl-1728 kellu b'kiri (minn barra l-erbat imtieħen tal-fondazzjoni ta' Caraffa) tlieta mill-imtieħen tal-fondazzjoni ta' Cottoner. Dan kien jinnegozjahom sakemm iddumlu l-qbiela billi jikrihom lil taħħana oħrajn.

**L-Imtieħen tar-Riħ, il-Kera u l-Mieta tat-tħin**

L-imtieħen tar-riħ kienu jingħataw b'kiri, jiġifieri b'kirja, li mbagħad ġeneralment kienet tiġġedded. Pereżempju l-għaxart imtieħen li kienu twaqqfu mill-Fondazzjoni Caraffa kienu damu mikrija għand it-taħħan Duminku Griscti miż-Żurrieq. B'kuntrast, dawn l-għaxart imtieħen fl-1721 kienu nkrew minn Mikiel Micallef minn Ħal Lija għal 1041 skud.

Minn post għal ieħor ġieli kienu jvarjaw fil-prezz tal-kera. Pereżempju Ġużeppi Caruana minn Ħal Luqa l-mitħna tar-Rabat 207 skudi, il-mitħna ta' Sirna f'Ħaż-Żebbuġ għal 139 skud, tal-Qrendi għal 96 skud filwaqt li għall-mitħna ta' Caraffa kien iħalla 92 skud fis-sena. Xi nies bħal Caruana li kienu jikru għadd ta' mtieħen f'daqqa kienu jerġgħu jagħtuhom b'kiri mill-ġdid lil taħħana oħra. Pereżempju Ġużeppi Caruana fl-1728 kien is-sid temporanju ta' tlitt imtieħen mill-fondazzjani mwaqqfa mill-Gran Mastru Caraffa u ta' erba' mtieħen oħra mill-fondazzjoni mwaqqfa minn Nikola Cotoner

Il-mieta tat-tħin jew il-ħlas għal kull tomna kienet tvarja jekk it-taħna kinetx tal-qamħ jew tax-xgħir. Jekk inħarsu lejn is-sena 1703 insibu dawn il-prezzijiet: (a) 15-il ħabba għal kull tomna qamħ, (b) 13-il ħabba għal kull tomna maħlut u (ċ) 11-il ħabba għal kull tomna xgħir[13]. Hawnhekk niftakru li kull tnax-il ħabba kienu jagħmlu sold (flus li pajjiżna kienu juża qabel qalb għas-sistema deċimali fl-1972.

## Tmiem ta' monopolju

Mal-wasla tas-sena 1838 wasal it-tmiem fuq il-monoplju li kellu l-gvern mirut mingħand il-Kavallieri ta' San Ġwann fuq l-imtieħen tar-riħ. Dan kien ifisser l-għoti tad-dritt lil kull min irid li seta' jibni l-mitħna tiegħu u fir-realtà hekk ġara fi-gżejjer Maltin. Dan ifisser ukoll li dak li kien fil-parti l-kbira dritt tal-Ordni fil-bini tal-imtieħen, il-gvern kolonjali Ingliż ħallu mill-irbit. Il-furnara kienu jżommu żewġt iżwiemel: wieħed biex b'għajnejh imgħaddin idur idur b'mod simili għall-mitħna tal-miexi, mentri biż-żiemel l-ieħor kien imur jaqdi lill-parruċċani tiegħu bil-ħobż. Ta' min isemmi li matul it-tieni gwerra minħabba l-*blackouts*, xogħol it-tħin kien isir permezz ta' muturi li kienu jaħdmu bil-petrol. It-taħħana taħt l-Ordni kienu jkunu soġġetti għal diversi eżenzjonijiet bħal ngħidu aħna kienu jkunu jistgħu jitħnu fil-Ħdud u l-festi kull meta r-riħ ma kienx ikun ħanin magħhom.

## Għeluq

L-imtieħen ta' Bormla, l-uniċi li baqa' fil-Kottonera għadhom jistennew bil-ħniena li tmesshom il-grazzja li troddilhom mill-ġdid id-dinjità relevanti għaż-żminijiet tal-lum. Din l-istennija ilha tiġġedded fihom snin kbar. Nemmen li bi ftehim bejn l-awtoritajiet u l-inkwilini, dawn l-imtieħen fl-istruttura tagħhom ma jkomplux jiddeterjoraw għax inkella nistennew li jibdew iċedu. Minflok għandna nifhmu u nattwaw din ir-responsabilità sabiex dan il-patrimonju uniku fil-Kottonera ma jinqeredx, għall-ġid tal-poplu kollu.

Kull min jara l-verżjoni *on-line* tal-Gazzetta tal-Gvern tas-27 ta' April 2012 isib li f'paġna 6785 l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Artiklu 81 tal-Att tal-2010 dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp) b'mod uffiċjali ddikjarat ħamsin mitħna tar-riħ flimkien ma' ħames fossijiet. Bla dubju, l-imtieħen ta' Bormla huma inklużi. Mhux hekk biss, imma tajjeb ingħidu li l-mitħna ta' Fuq San Ġwann t'Għuxa kienet diġà skedata bħala Grad 1 skont l-Avviż tal-Gvern 8/97 tas-7 ta' Jannar 1997. Kull min jara dawn l-avviżi jistaqsi x'iggwadanjaw minnhom l-imtieħen ta' Bormla?!

**Referenzi:**


[1] "Windmills and th Production of Gunpowder in Malta", Simon Mercieca u Joseph Muscat, Symposia Melitensia 2013, Vol.9, p.8

[2] Il-pjanti tagħhom b'xorti tajba għadhom ippreservati fil-Biblioteca Nazzjonali tal-Belt Valletta u jinsabu fl-Arkivji tal-Ordni ta' Malta, Teżoier Serie B, 300, 391 (Ara "Windmills and the Production of Gunpowder in Malta")

[3] Ibid., p.8

[4] Ibid., p.9

[5] Symposia Melitensia 2013, Vol.9, pp.1 – 18

[6] Jonathan Caruana, "Maltese Windmills during the Time of the Knights of Malta" – teżi ppreżentata għad-diploma fl-Istudji ta-Barokk u l-Arkitettura, fl-Università ta' Malta, f'Ġunju 2008, p.32

[7] Vol.9, pp.9 – 10

[8] Mercieca u Muscat ikkwota iċ-ċifra ta' 400 ruħ minn **L-Isla Fi Ġrajjiet il-Bażilika – Santwarju ta' Marija Bambina**, Alessandru Bonnici, Malta, 1991, iii 81 – 82. Iżda l-Kavlallier Ġużè Galea jikteb li nqatli 149 ruħ. Ara **Art Twelidi**, PEG, Malta 1984, p.130

[9] Symposia Melitensia 2013, p.9, footnote 30

[10] **Ħal Luqa niesha u ġrajjietha**, Dun Ġużepp Micallef, 1975, pp.158-159

[11] Minn L-Għid tal-Assunta, 54, 1996, Editur Joseph Bezzina

[12] **The Story of Malta**, Brian Blouet, Faber and Faber, London, 1967, p.p. 133-134

[13] Ħal Luqa niesha u ġrajjietha, Dun Ġużepp Micallef, 1975, p.158.


Il-Ħadd, 4 ta' Settembru 2016